**3 ta' Marzu, 1995**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. - President**
**Onor. Joseph D. Camilleri B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph A. Filletti B.A., LL.D., A.R. Hist.S.**

Dr. Edward Woods LL.D. *noe*

*versus*

David Jones *et noe*

**Eċċezzjoni ta' Preskrizzjoni - Artikolu 544(e) tal-Kodiċi tal-Kummerċ - Artikolu 2130 tal-Kodiċi Ċivili - Notifika ta' Ċitazzjoni**

*L-appellanti jikkontendi li l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ai termini ta' l-artikolu 544(e) tal-Kodiċi tal-Kummerċ missha ġiet milqugħa għaliex in-notifika taċ-ċitazzjoni saret oltre ż-żmien permess mill-artikolu 2130 tal-Kodiċi Ċivili għan-notifika b'atti ġudizzjarji intiżi biex tiġi interrotta xi preskrizzjoni.*

*Din il-Qorti jidhrilha li l-artikolu 2130 ma hux applikabbli għall-att taċ-ċitazzjoni billi dan l-att jikkostitwixxi "talba ġudizzjarja" ai termini ta' l-artikolu 2131 u 2132 tal-Kodiċi Ċivili. Il-preskrizzjoni in kwistjoni ġiet interrotta appena saret it-talba ġudizzjali ta' l-attur nomine bil-preżentata taċ-ċitazzjoni odjerna.*

*L-artikolu 2130 japplika meta si tratta ta' ittra uffiċjali jew xi att ġudizzjarju ieħor skond l-artikolu 2128 tal-Kodiċi Ċivili li bih il-kreditur juri li bi ħsiebu jżomm il-jedd tiegħu ta' azzjoni fil-konfront tad-debitur.*

Il-Qorti:-

Dan huwa appell minn żewġ sentenzi ppronunzjati mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ rispettivament fit-28 ta' Marzu, 1988 u fl-20 ta' Jannar, 1993. Bl-ewwel sentenza ġiet miċħuda eċċezzjoni tal-preskrizzjoni u bit-tieni sentenza ġie deċiż il-meritu;

L-ewwel sentenza, ċjoe' dik mogħtija fit-28 ta' Marzu, 1993 hija hekk:

"Il-Qorti:-

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-attur, fil-kwalita' tiegħu hawn fuq imsemmija, wara li ppremetta illi s-soċjeta' Chocolate Products Company Limited importat ġewwa Malta numru ta' xkejjer *hazelnuts* u *almonds* minn Barcellona, Spanja, fuq il-vapur Vento di Tramontana li wasal Malta fis-7 ta' Diċembru, 1985; illi meta l-vapur ġie skarikat Malta l-merkanzija ġiet ikkonsenjata lill-importatur instab illi numru ta' xkejjer minn din il-merkanzija kienu mqatta', u l-kontenut tiegħu nieqes, u dan in-nuqqas kien relattiv għall-poloz tal-karigu numru 11 u 12 (Dokumenti "A" u "B" annessi maċ-ċitazzjoni); illi għal dan in-nuqqas is-soċjeta' Mediterranean Insurance Brokers Limited, illum magħrufa bħala MIB Holding Limited ħallset fl-interessi ta' l-*underwirters* is-somma ta' ħames mija u erbgħin lira u sebgħa u sittin ċenteżmu (Lm540.67c) u għalhekk dawn l-*underwriters* rappreżentati Londra mid-ditta Hogg Robinson and Gardner Mountain Limited, ġew surrogati fid-drittijiet ta' l-importatur; illi l-istess *underwriters* appuntaw lid-ditta Mediterranean Survey Bureau Limited sabiex taġixxi għalihom bħala *recovery agents*; illi d-ditta konvenuta hija responsabbli għan-nuqqas fuq indikat; u billi għalkemm interpellata diversi drabi sabiex tħallas dan l-ammont, id-ditta konvenuta baqgħet ma ħallsitx; talab illi din il-Qorti (1) tiddikjara lill-istess konvenuti responsabbli għan-nuqqasijiet sofferti; u (2) tikkundannahom iħallsu lill-attur *nomine* s-somma ta' Lm540.67c, bl-interessi skond il-liġi mit-22 ta' Lulju, 1976 in linea ta' danni sofferti mill-assikurat u li ssurroga d-drittijiet tiegħu kif fuq intqal;

Rat in-nota tal-konvenuti *nomine* li biha qalu, in linea preliminari, illi l-azzjoni attriċi hija preskritta skond l-artikolu 636 (e) tal-Kodiċi tal-Kummerċ, billi (ċ-ċitazzjoni) ma ġietx innotifikata lill-eċċipjent entro xahar żmien minn meta skadiet il-preskrizzjoni fis-7 ta' Diċembru, 1986 kif stipulat fl-artikolu 2235 (1) tal-Kodiċi

Ċivili;

Rat in-noti ta' l-osservazzjonijiet tal-kontendenti fuq din l-eċċezzjoni; u

Ikkunsidrat dwar l-istess eċċezzjoni preliminari;

Illi l-artikolu 636 (e) tal-Kodiċi tal-Kummerċ, li fl-Edizzjoni Riveduta ta' l-1984 ta' l-istess kodiċi sar artikolu 544, jipprovdi li l-azzjoni għall-kunsinna ta' merkanzija taqa' bil-preskrizzjoni wara sena minn dakinhar li jasal il-bastiment. Imbagħad l-artikolu 2245(1) tal-Kodiċi Ċivili, li fl-Edizzjoni Riveduta ta' l-1984 ta' l-istess kodiċi sar artikolu 2130, jipprovdi li l-preskrizzjoni ma tinkisirx jekk in-notifika ta' l-att ġudizzjarju ma ssirx qabel ma jagħlaq xahar mill-aħħar jum taż-żmien li jkun għall-preskrizzjoni;

Issa t-teżi tal-konvenuti bbażata fuq id-disposizzjonijiet tal-liġi hawn fuq imsemmija hija li, ġaladarba l-bastiment li fuqu ġiet il-merkanzija in kwistjoni wasal Malta fis-7 ta' Diċembru, 1985 iċ-ċitazzjoni, għalkemm ippreżentata fit-terminu utli ta' sena fil-5 ta' Diċembru, 1986 ma kisritx il-preskrizzjoni billi ġiet innotifikata lill-konvenuti fid-9 ta' Marzu, 1987 u ċjoe` wara li għadda xahar miż-żmien rikjest għall-preskrizzjoni, u ċjoe` wara is-7 ta' Jannar, 1987;

It-teżi ta' l-attur hija li l-artikolu invokat mill-konvenuti, jiġifieri l-artikolu 544(e) ma japplikax għall-każ in kwistjoni fejn it-talba hija waħda għal danni għal ħsarat u/jew nuqqas ta' oġġetti, mill-kontenut tal-merkanzija kunsinnata lill-assikuratur ta' l-attur *nomine*; illi t-terminu invokat mill-konvenuti huwa wieħed ta' dekadenza u mhux ta' preskrizzjoni u kwindi l-artikolu 2130 tal-

Kodiċi Ċivili mhux applikabbli u invece una volta t-terminu huwa wieħed ta' dekadenza l-azzjoni ġiet intavolata fiż-żmien utli; u billi hawnhekk si tratta ta' trasport marittimu u kwindi huma aktar rilevanti mill-artikolu 544 tal-Kodiċi tal-Kummerċ, il-*Hague Rules* ta' l-1984;

Illi fil-fehma tal-Qorti anke fuq l-ipotesi li t-talba ta' l-attur *nomine* hija kolpita bid-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 544(e) u fuq l-ipotesi li t-terminu in kwistjoni huwa wieħed ta' preskrizzjoni u mhux ta' dekandenza, it-teżi tal-konvenuti xorta waħda mhix sostenibbli, għaliex il-ħtieġa li l-att ġudizzjarju jkun innotifikat qabel ma jgħaddi xahar miż-żmien stabbilit għall-preskrizzjoni sabiex jikser preskrizzjoni li tkun miexja, mhux applikabbli meta l-azzjoni tkun effettivament ġiet istitwita. Il-Qorti tagħmel riferenza għar-raġunijiet mogħtija b'mod estensiv fil-kawża fl-ismijiet **Joseph Bonello *vs* Vincent Bonello**, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-22 ta' April, 1983 (mill-istess Imħallef li llum qed jippresjedi f'din l-Awla u segwiti fil-kawża fl-ismijiet **John Cassar *vs* Paolina Zahra** deċiża mill-istess Qorti fis-27 ta' Lulju, 1983 - liema raġunijiet qed jiġu adottati fil-kawża odjerna *mutatis mutandis* billi l-fatti spece tal-każ huma simili u l-prinċipji legali involuti huma l-istess;

Għalhekk, il-Qorti m'għandhiex għalfejn toqgħod teżamina wkoll l-argumenti ssollevati mill-attur *nomine*, għax dan ikun biss eżerċizzju akkademiku. Mill-banda l-oħra m'hemmx kuntrast li l-kawża ġiet intavolata qabel ma għaddiet sena mill-wasla tal-bastiment, li fuqu kien hemm il-merkanzija ta' l-assikurat ta' l-attur *nomine* f'Malta;

Għal dawn il-motivi:

Tiddeċidi billi tiċħad l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ssollevata mill-konvenut *nomine*, u tordna li l-kawża titkompla;

L-ispejjeż jitħallsu mill-konvenuti *nomine*";

*Omissis*;

Il-konvenuti *nomine* ħassew ruħhom aggravati b'dawn iż-żewġ sentenzi u debitament appellaw minnhom quddiem din il-Qorti. Huma talbu li l-Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenzi tal-Qorti tal-Kummerċ mogħtija f'din il-kawża fit-28 ta' Marzu, 1988 u 20 ta' Jannar, 1993 b'dana illi jiġu milqugħa l-eċċezzjonijiet tagħhom u miċħuda t-talbiet attriċi bl-ispejjeż kollha taż-żewġ istanzi kontra l-attur *nomine* appellat;

L-appellat, min-naħa l-oħra ssottometta li dawn iż-żewġ sentenzi kienu ġusti u għalhekk talab li jiġu kkonfermati minn din il-Qorti b'mod li t-talbiet ta' l-appellanti jiġu miċħuda u minflok jiġu milqugħa t-talbiet attriċi - bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellanti *nomine*;

L-aggravju ta' l-appellanti fil-konfront ta' l-ewwel sentenza huwa li l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ai termini ta' l-artikolu 544 (e) tal-Kodiċi tal-Kummerċ missha ġiet milqugħa, għaliex mill-atti proċesswali kien jirriżulta *ictu oculi* li n-notifika taċ-ċitazzjoni saret oltre ż-żmien permess mill-artikolu 2130 tal-Kodiċi Ċivili għan-notifika b'atti ġudizzjarji intiżi biex tiġi interrotta xi preskrizzjoni;

Illi din il-Qorti ma tistax tilqa' dan l-aggravju billi jidhrilha li l-artikolu 2130 ma hux applikabbli għall-att taċ-ċitazzjoni billi dana l-att jikkostitwixxi "talba ġudizzjarja" ai termini ta' l-artikoli 2131

u 2132 tal-Kodiċi Ċivili. Il-preskrizzjoni in kwistjoni ġiet interrotta appena saret it-talba ġudizzjali ta' l-attur *nomine* bil-preżentata taċ-ċitazzjoni odjerna. L-artikolu 2130 japplika meta si tratta ta' ittra uffiċjali jew xi att ġudizzjarju ieħor skond l-artikolu 2128 tal-Kodiċi Ċivili li bih il-kreditur juri li bi ħsiebu jżomm il-jedd tiegħu ta' azzjoni fil-konfront tad-debitur;

Fil-każ odjern, l-attur *nomine* mhux qiegħed javża lill-allegat debitur tiegħu li bi ħsiebu jżomm il-jedd tiegħu ta' azzjoni kif jgħid l-artikolu 2128, iżda invece l-attur *nomine* qiegħed effettivament jeżerċita' dak id-dritt ta' azzjoni biċ-ċitazzjoni li ppreżenta entro t-terminu ta' sena li jissemma fl-artikolu 544 (e) tal-Kodiċi tal-Kummerċ;

Il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti, kif ippresjeduta iżda diversament komposta, fil-kawża **Briffa *vs* Debono** deċiża fis-7 ta' Lulju, 1992 fejn saret distinzjoni bejn l-**att rinnovattiv** ta' l-azzjoni (bħal ma hija l-ittra uffiċjali jew il-protest) u l-**att esekuttiv** tagħha (bħal ma hija ċ-ċitazzjoni);

Issir riferenza wkoll għas-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ fid-9 ta' Ġunju, 1994 fil-kawża fl-ismijiet **Alfred Gatt *nomine vs* David Jones *et nomine*** fejn l-istess eċċezzjoni li tressqet f'din il-kawża ġiet respinta għall-istess raġuni indikata fis-sentenza appellata;

Konsegwentement l-appell, in kwantu jolqot is-sentenza appellata (tat-28 ta' Marzu, 1988), mhux fondat u s-sentenza appellata qiegħda tiġi kkonfermata;

*Omissis*;

Għal dawn il-motivi:

Fl-ewwel lok, tiċħad l-appell in kwantu jolqot is-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ mogħtija fit-28 ta' Marzu, 1988 billi tikkonferma din is-sentenza u għalhekk tordna li l-ispejjeż relattivi taż-żewġ istanzi jibqgħu a kariku ta' l-appellanti *nomine*;

*Omissis.*